# Il-Qaħba tar-Raħal

Joseph A. Cachia

Ħadd ma kien jafha bħala Katarin imma bħala l-qaħba tar-raħal. Ngħiduha kif inhi, ħadd qatt ma kien raha ma'xi raġel f'xi rokna mdallma nkella sejra f'xi għalqa taħt xi ħajt tas-sejjieħ li bihom kien imdawwar ir-raħal. Imma xorta waħda kienu ttimbrawha mara tat-triq, mara li x'aktarx bosta rġiel kienu daqu l-benna ta' xofftejha u li n-nisa kienu jistmelluha għax kienet tiġbed lejha lill-irġiel tagħhom.

Issa din Katarin ma kinitx xi waħda minn dawk in-nisa li jekk tħares lejha tibqa' ċċassat miġbud lejn wiċċha għax kellha xi ħaġa li tiġbdek aktar minn nisa oħrajn. Anzi xejn minn dan.

Katarin kellha mat-tletin sena b'ġisem li x'aktarx kien jitqawwa mat-tgerbib tas-snin imma li s'issa kien ipaxxi l-għajn ta' dawk l-irġiel li jħobbu nisa mibrumin, imma mhux mibrumin iżżejjed. Min minnhom kien jinġibed lejn nisa rqaq żgur li Katarin ma kinitx tgħodd għalih.

Meta Karmena l-ġara tagħha kienet tinzertaha ħierġa mill-isqaq fejn kienet toqgħod ma kinitx l-ewwel darba li ħatfitha.

"Ħierġa hi," kienet tizzikaha. "Naħseb li sejra l-knisja, hux sew qed ngħid?"

Katarin wiċċha kien jisbel u ma kinitx tkompli fi triqtha jekk ma tirrispondihiex.

"Mhux affarik fejn sejra," kienet tgħidilha. "Għaliex ma tarax x'inhuma jagħmlu wliedek meta ma jkunux taħt għajnejk? Min ma jkellmekx, tkellmux!"

Kienet tibqa' miexja, dejjem tistenna t-tgħajjira li issa kienet drat sew tisma'.

"U mur 'l hemm, ja qaħba!"

Imma mhux hekk meta Katarin kienet taqa' taħt għajnejn xi rġiel li ma jkollhomx x'jagħmlu ħlief jilagħqu x-xemx u jivvintaw l-istejjer ta' x'għamlu u x'm'għamlux. Toni, wieħed minnhom, kien tefa' għajnejh fuqha u dejjem xtaqha.

"Fiha daqqa, Ġann," kien spiss jgħid lil sieħbu. "Kieku ttini l-wiċċ ..."

Ġanni kien jaqtagħlu kliemu qabel sieħbu joħroġ mill-istonku tiegħu dak kollu li kellu maħżun għal Katarin.

"Biżżejjed, biżżejjed," kien jgħidlu, waqt li jħares madwaru biex jara li ħadd ma jkun sema' biex kien ħiereġ Toni. "Ħa ġġib is-saħta fuqek bi dnubietek. Iskot!"

Imma anki jekk kien jiskot, Toni kien jibqa' jxettel ix-xewqat tiegħu għal Katarin għax kien żgur li dik kienet mara tad-dnub. U mara tad-dnub taf tagħti pjaċir. Mhux bħal martu Gerit li fis-sodda miegħu kienet titlob lill-Madonna taħfrilha għal dak li bilfors kienet tkun qed tagħmel ma' żewġha.

It-tfal, ta' tfal li huma li aktar moħħhom fil-logħob milli f'xi ħaġ'oħra u li s-safa ta' ħsibijiethom ma kienx iddardar minn veritajiet, jew qlajjiet tal-ħajja fir-raħal fejn kulħadd ikun moħħu fl-ieħor, meta kienet tgħaddi miexja minn ħdejhom kienu jibqgħu jilagħbu bil-boċċi jew biż-żibeġ jew bil-pupi. Katarin ma kienet tfisser xejn għalihom għad li xi wħud mit-tfal kienu semgħu 'l missierhom u 'l ommhom jiġġieldu bejniethom fid-dawl ta' xi lampa tal-pitrolju jżeffnuha fin-nofs. Imma qatt ma setgħu jifhmu dwar xiex.

Katarin kienet tgħix ma' ħuha iżgħar minnha f'dar fqira li xi żmien qabel kienu jitrabbew fiha l-mogħoż u n-nagħaġ. Ħuha Ġanni, ftit iżgħar minnha fl-età, kien toqol fuqha għax ma kien tajjeb għal xejn. Ġanni kellu moħħu ħafif u ma kienx jirraġuna. Il-gost tiegħu kien meta jintefagħlek wiċċu 'l isfel fil-bitħa tad-dar u jara n-nemel iġorru l-frak tat-tiben jew il-frak tal-ħaxix lejn il-bejtiet tagħhom, iserrpu bejn il-fili tal-ġebel. Xi drabi kien jaqbad xi nemla u jitfagħha fuq oħra biex jarahom iggranfati jiġġieldu ma' xulxin.

"Ejja ara, oħt," kien isejjaħ lil Katarin meta gozz nemel kienu jkunu ggranfati ma' xulxin. "Ejja, ejja ara ..."

Kien jagħmel is-sigħat mitluf hekk f'dinja għalih u la kien jiekol u lanqas jixrob. Meta Katarin kien ikollha bżonn toħroġ mid-dar qatt ma setgħet tgħid li ħierġa b'rasha mistrieħa għax ma kinitx tkun taf kif se ssibu meta tiftaħ il-bieb ta' barra.

Katarin ma tantx kienet tkun barra ħlief biex tmur tixtri, jew għall-quddies jew biex issefter lil xi raħħala oħra li kien ikollhom bżonnha għal xi ħaġa jew oħra,

bħal biex taħleb xi erba' mogħżiet. Rari kont taraha miexja fit-triq wara l-inżul tax-xemx. Għalhekk aktar ma kienx hemm raġuni għax kienu jsibuha bħala l-mara tad-dnub meta, għandu jkun kif suppost, in-nisa tad-dnub joħorġu dejjem malli jaqa' d-dlam biex ma jkunux jagħtu fil-għajn.

Katarin kienet taf li kienu jsibuha bħala l-mara l-ħażina tar-raħal. Qatt ma setgħet tifhem għaliex u lanqas min kien li beda x-xniegħa dwarha. Hi dejjem għexet ħajja tajba kemm setgħet u kull meta kienet tmur tqerr għand Dun Alwiġ, saċerdoti fuq tiegħu, dejjem kienet tgħidlu l-istess affarijiet. Il-qassis kien draha wkoll u meta kienet tkun tistqarrlu n-nuqqasijiet tagħha minn taħt l-ilsien kien jgħodd fuq subgħajh in-nuqqasijiet tagħha. Dejjem erbgħa, l-istess erbgħa, u dejjem tgħidhom fl-istess ordni, wieħed wara l-ieħor.

In-nisa li jinzertaw warajha għall-qrar kienu jistennew lil Dun Alwiġ jibda jgħajjat magħha minn ħin għall-ieħor minħabba l-ħażen li kienet tgħidlu f'widnejh imkaħħla kif kienet tkun mat-tieqa tal-konfessinarju. Dan ma ġara qatt u kienu jistagħġbu għaliex.

Darba minnhom, Filomena tal-forn, ma felħitx ma titkellimx ma' Wenza li inzertat ħdejha biex tqerr hi wkoll.

"Wenz," sefsfitilha minn taħt l-ilsien. "Rajtha?"

Wenza tat daqqa b'rasha 'l isfel biex turiha li rat lil Katarin tqerr għand Dun Alwiġ. Raddet is-salb malajr u bilkemm tinstema' weġbitha:

"Imma kif qatt ma jgħajjat magħha? Min jaf x'tgħidlu dik."

"Jien ma nafx," weġbitha Filomena. "Imma ngħid jien, dak mhux raġel bħal ħaddieħor? Forsi min jaf ..."

"X'int tgħid?" ħatfitha Wenza. "Dak ministru t'Alla! Trid tmur tqerr dak li għidt."

Filomena gidmet ilsienha għax issa kellha dnub ieħor xi tqerr. Imma kif kienet se tgħidlu lid-Dun li kienet ħasbet ħażin fih? Telgħetilha fawra għal wiċċha u f'qalbha seħtet lil Katarin.

"Kollu tort ta' dik il-qaħba!" ħasbet.

Imbagħad kienu jerġgħu jaħsbu ħażin f'Katarin meta jarawha tagħmel il-penitenza li jkun taha Dun Alwiġ. Ma kinitx iddum aktar minn żewġ minuti tredden xi talba għarkupptejha qabel tqum u toħroġ 'il barra mill-knisja.

"Araha," kienet terġa' tgħid minn taħt l-ilsien lil Wenza. "Hemm hi, sejra! Taparsi taha penitenza. Ma nafx jien. Ma nafx!"

Wenza kienet taqbel ma' dak li kienet tgħidilha l-oħra. Imma kienet trażżan ilsienha għax il-ħsieb ħażin hu dnub, avolja mhux xi wieħed kbir.

Għal min kellu memorja twila fir-raħal x'aktarx li kien jiftakar meta Katarin ingħatalha l-laqam ta' mara tat-triq. Min jaf, forsi xi erbatax, ħmistax-il sena qabel? Xi ħaġa hekk kien.

Kollox beda meta jum minnhom wieħed raġel li kellu bżonn jitla' l-Belt u jmur il-qorti għax kien akkużat li seraq il-flus minn quddiem l-istatwa tad-Duluri fil-knisja tar-raħal xorob tazza żejda nbid u telaq ilsienu.

Dan ir-raġel kien fil-ħanut tax-xorb ta' Leli. Kienu huma biss.

"Lel," qallu. "Imħatra ma tafx dwar Katarin."

Leli ħares lejh fiss. Kien kurżitajr mill-kbar u l-gost tiegħu kien li jkun jaf dak kollu li jkun għaddej fir-raħal.

"Mhux dik li toqgħod f'dak l-isqaq f'tarf ir-raħal?" wieġbu.

"Iva, dik," kompla l-ieħor. "Taf fejn rajtha? Taf?"

"Fejn?"

"Il-Belt. Il-Belt kienet, fi triq dejqa, dik li fiha ħafna taraġ. Fejn ikun hemm il-baħrin."

"Le!"

"Iwa, iwa mhux le! Rajtha jien, b'dawn l-għajnejn," qallu l-ieħor waqt li wera għajnejh imberrqin.

"Isma' x'kull waħda!"

"Ħeqq, int x'taħseb, Lel?"

"Naħseb dak li qed taħseb int," wieġbu Leli waqt li ferragħlu tazza nbid oħra bla ma talbu. Aktar żejt għal ilsien il-lablabi.

"Hekk sewwa, Lel! Int bilwieqfa biex taqla' lira u hi fuq daharha biex taqla' lira oħra."

L-irġiel daħku flimkien u għad li d-diskors bejniethom waqaf hemm, id-diskors kompla minn Leli fil-ħanut aktar tard matul il-jum u fil-ġimgħat ta' wara biex b'hekk Katarin spiċċat qaħba. Xi rġiel bdew iħarsu lejn Katarin bħala dik il-mara li xtaqu li jkunu magħha billejl imma mhux binhar.

Kieku staqsew lil Katarin x'kienet tagħmel il-Belt malajr kienu jbiddlu ħsiebhom dwarha.

Inzertat li dakinhar kienet il-Belt għax Dun Alwiġ kien qalilha li fi spiżerija qrib Strada Stretta kien hemm xi mediċina li biha setgħet iġġib 'il quddiem lil ħuha. Mhux li tfejqu, imma li għall-inqas ma jbatix ħafna meta jagħtih xi attakk li jħallih għaxi fl-art.

"Imma jien qatt ma mort il-Belt," qaltlu Katarin. "Lanqas naf minn fejn nibda aħseb u ara biex insib l-ispiżerija."

"Taqtax qalbek, Katarin," saħħaħha bi kliemu l-qassis. "Meta tmur il-Belt żgur se ssib lil xi ħadd li jurik fejn. Mur, Katarin. Ftakar f'ħuk."

Il-mara damet taħsibha biex daħħlitha f'rasha li tmur il-Belt. Imma jum minnhom, meta ħuha tah attakk ikrah u beda jitmiegħek fl-art, rat li jkun jaqbel li tmur. Għalhekk tefgħet fil-but tal-fardal il-flus kollha li kellha mġemmgħin biex ikollha biex tħallas il-mediċina u telqitilha lejn il-Belt.

Malli waslet hemm ħassitha tistordi daqs dak ġiri ta' nies li rat. Kienet kważi ħasbet biex tmur lura d-dar meta lemħet mara n-naħa l-oħra tat-triq. Katarin ġriet lejha u waqqfitha b'nifisha maqtugħ.

"Sinjura," talbitha. "Għal li jista' jkun taf fejnha Strada Stretta għax għandi bżonn immur lil hemm."

Il-mara nħasdet.

"Int x'taħseb li jien?" għajtet f'wiċċha l-oħra. "Ma nafx fejnha t-triq! Jien qatt ma rsaqt lil hemm! Ja mara ħażina."

Katarin inbelgħet fiha nfisha. Inkisret għax kien hemm xi nies li inzertaw fil-qrib, fosthom qassis, li semgħu lill-mara l-oħra tgħajjarha mara ħażina. Wiċċha 'l isfel, bdiet miexja lanqas taf fejn. Ma laħqitx imxiet ħafna meta ħasset lil xi ħadd qrib tagħha warajha. Inħasdet u ħarset lura. Imma ħadet ir-ruħ meta rat li dak li kien warajha kien liebes is-suttana ta' qassis. Għaliha l-qassisin kienu kollha nies tajbin.

"Dun ... Dun ...," qaltlu tlaqlaq. "Int smajt x'qaltli dik il-mara?"

Il-qassis, raġel qsajjar b'wiċċ ruxxan, b'buttuna miftuħa fuq quddiem tas-suttana għax ma kinetx tinqafillu tajjeb, tbissmilha.

"Tinkwieta xejn," serrħilha rasha. "Naf x'ġara. Jien sejjer inqaddes qrib hemmhekk fejn semmejt int. Imma ma naħsibx li int trid tmur fi Strada Stretta għax-xogħol, mhux hekk? Ma tidhirx tal-qatgħa." U daħak sfurzat.

"Għax qaluli li qrib hemmhekk hemm xi spiżerija u rrid nixtri xi duwa għal ħija."

Il-qassis reġa' tbissem u għamlilha sinjal biex timxi warajh.

"Naf fejn trid tmur," qalilha. "Imxi warajja ħa nurik fejn."

Katarin imxiet warajh u sakemm waslu fejn riedet tmur qaltlu l-istorja kollha ta' ħuha. Semagħha bil-paċenzja kollha u qabel ma ħallieha fuq l-għatba tal-ispiżerija qalilha li hu jqaddes fi knisja fil-qrib u jekk tkun tista', tagħmel sew li tisma' quddiesa għall-bżonnijiet ta' ħuha.

Katarin wegħditu li hekk kienet se tagħmel u mgħaġġla mgħaġġla daħlet l-ispiżerija. Xħin għajnejha raw dawk il-fliexken kollha bil-mediċini ħassitha tieħu r-ruħ għax żgur li minn daqstant pilloli kien hemm xi ħaġa li kienet tasal iġġib 'il quddiem lil ħuha Ġanni.

Il-pilloli mingħand dan l-ispiżjar kienu jagħmlulu tajjeb lil Ġanni. Sa anki waslet biex Katarin xi drabi kienet tibqa' taħdem ġurnata sħiħa għand xi sinjura bla ma tersaq lejn id-dar. Imma biex setgħet tixtrilu l-pilloli kellha bżonn taħdem għax dawn kienu jqumu ħafna flus. Imma għal ħuha kienet lesta tagħmel kollox anki li tbigħ ġisimha għall-flus kieku kienet taf li setgħet tagħmel hekk.

Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar xi raħħala, irġiel u nisa, kienu jmorru l-knisja jqerru u jitqarbnu biex meta jmutu jmorru dritt il-ġenna skont kif imwiegħda mill-Qalb ta' Ġesù. U kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, huma u sejrin il-knisja, kienu jaraw lil Katarin itterraq 'il barra mir-raħal, bil-mixi. L-irġiel kienu jħarsulha minn taħt, xi wħud minnhom jixtiquha minkejja li ftit minuti wara kellhom jirċievu lil Kristu fuq ilsienhom. In-nisa kienu jmaqdruha b'ħarsithom u wara jżebbġu lejn żwieġhom biex jaraw jekk kinux qed iħarsu lejn dik il-mara tad-dnub.

"Sejra hi," kienu jgħidu t-twajba u l-qaddisin tar-raħal. "Sejra biex tiżni u tagħmel id-dnubiet. Għamja għall-flus biex tobdi lix-xitan! Bix-xorti li aħna m'aħniex bħalha. Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." U ħallihom in-nisa tar-raħal iroddu salib wieħed wara l-ieħor biex ikeċċu l-ħsibijiet ħżiena li kienet tnissel fihom Katarin.

Katarin kienet tibqa' miexja lejn il-Belt. Imma issa kienet drat tmur l-ispiżerija u tgħallmet ukoll toroq oħra biex tasal bla ma jkollha għalfejn tgħaddi minn postijiet mimlija nisa tad-dnub u rġiel. Xħin kienet tħallas lill-ispiżjar u tħoss il-kaxxa bil-pilloli f'idha, qalbha kienet tfur bil-ferħ għax kien ifisser li Ġanni kellu jkun tajjeb għal xahar ieħor.

Dritt meta toħroġ mingħand l-ispiżjar, Katarin kienet taqsam it-triq, tidħol fil-knisja qrib u tintefa' għarkupptejha quddiem Ġesù Sagramentat. In-nies li jkunu l-knisja kienu drawha li ta' kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar jarawha magħhom, titqarben bħalhom.

"Dik mara qaddisa," kienu jgħidu. "Minn hawn dritt għall-ġenna! Issa ilha x-xhur titqarben fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Jekk ma tmurx il-ġenna hi żgur li ma jmur ħadd!"